MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 264/2010

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**vs**

**Andrew Eric Philip Mooney**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta’ attrici nhar it-23 ta’ Lulju, 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ erbat elef sebgha mija sitta w erbghin Ewro u seba’ centesmi (€4,746.07) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizzi w prodotti pprovduti lilu a bazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti (vide rendikont anness u mmarkat bhala Dok. A).

Illi ghalkemm huwa gie nterpellat diversi drabi b’talba ghall-pagament effettiv, dan baqa’ inadempjenti ghal tali talba w ghalhekk l-ammont ghadu dovut sa llum.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru u bl-imghax legali mid- data tar-rikors promotur sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni.

Rat illi fit-3 ta' Frar 2011 il-konvenut gie notifikat bl-atti tal-kawza permezz t'affissjoni li saret mar-residenza tieghu kif indikata fir-rikors promotur (fol. 15 tergo), w fl-istess jum fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar u fl-ghassa tal-Pulizija ta' San Pawl il-Bahar.

Rat illi fil-11 ta' Marzu 2011 il-konvenut gie notifikat bir-rikors promotur permezz t'estratt li gie publikat fil-gazzetta tal-Gvern, liema kopja tinsab esebita fl-atti a fol. 14.

Rat illi fis-16 ta' Marzu, 2011 il-konvenut gie notifikat ukoll permezz t'estratt li gie pubblikat fil-gazzetta lokali "The Malta Independent".

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2011 il-konvenut ma deherx.

Rat illi fis-16 ta' Marzu 2011 is-socjeta' attrici pprezentat nota b'estratt tal-publikazzjoni f'gazzetta lokali datata 6 ta' Marzu 2011 (fol. 17)

Rat illi l-konvenut ma deherx lanqas fis-seduta tas-26 t'April 2011 u ma kkontestax it-talba attrici.

Rat illi mill-atti processwali ma jirrizultax li sar il-pagament mitlub fir-rikors promotur u ghalhekk dan ghadu dovut fl-intier tieghu.

**Ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara li t-talba attrici ghandha tigi milqugha w ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici dik is-somma msemmija fir-rikors promotur ta' erbat elef sebgha mija w sitta u erbghin Ewro w seba' centesmi (€4,746.07) u dan ghar-ragunijiet hemm imsemmija.**

**Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju  a karigu tal-konvenut u bl-imghax legali li ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------